**QORTI CIVILI – PRIM'AWLA**

**IMHALLEF:**

**ONOR. DR. GINO CAMILLERI, LL.D.**

**SEDUTA TAT-12 TA' LULJU, 2001**

Kawza Numru 8

Citazzjoni Numru 953/01 GC

Fl-ismijiet:-

U.C.I.M. Co. Ltd

vs

Anthony Cilia Pisani u martu Josephine Cilia Pisani

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet:-

Illi l-konvenuti huma debituri tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' elf mija u hames liri (Lm1105), rapprezentanti import ta' 9 kambjali, 1 ta Lm25 bilanc minn kambjala akbar, u l-ohrajn ta' Lm135-il wahda, debitament accettati, skaduti minn Settembru 2000 sa Mejju 2001 u mhux imhallsa, huma hawn annessi markati bin-numri minn 1 sa 9 konsekuttivament u inkluzivament;

Illi ghalkemm mitluba biex ihallsu diversi drabi, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Illi l-kreditu tas-socjeta' attrici fis-somma ta' Lm1105 hu cert, likwidu u ezigibbli u sa fejn taf is-socjeta' attrici, il-konvenuti ma ghandhom l-ebda difiza valida opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba taghha ghall-hlas ta' dik is-somma kif jidher mill-Affidavit ta' Alfred Formosa, ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici, hawn anness Dok. A;

Talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex ghar-ragunijiet premessi:-

(1) ma ghandhiex dina l-Qorti taghti s-sentenza u tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) u (2) hekk tikkundanna minnufih lill-konvenuti jhallsu lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' Lm1105 fuq imsemmija dovuta kif intqal fuq.

Bl-imghax mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala li sas-16 ta' April 2001 jammonta ghal Lm29, oltre l-imghax ulterjuri sal-

pagament effettiv, u bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficcjali tal-21 ta’ Marzu 2001 kontra l-konvenuti li gew ingnti ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit tas-socjeta attrici u id-dokumenti l-ohra;

Rat li il-konvenuti debitament notifikati fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghu kontumaci u fis-seduta tallum imsejjhin tlett darbiet lanqas ma deheru;

Rat in-nota tas-socjeta attrici tat-28 ta’ Gunju, 2001 li permezz taghha irriduciet is-sorte mitlub bl-ammont ta’ Lm449 u zammet ferm it-talbiet taghha ghal-biolanc ta’ sitt mija u sitta u hamsin lira (Lm656), l-imghax u l-ispejjes kif mitluba fic-citazzjoni;

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif ridotta tidher gustifikata u jidher wkoll li hemm lok li is-sentenza tinghata illum stess, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi tilqa it-talba tas-socjeta attrici limitatament ghas-somma ta’ sitt mija u sitta u hamsin lira (Lm656), bl-imghaxijiet legali kif mitluba u bl-ispejjes kontra l-konvenuti.

Imhallef

Dep. Registratur